**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Novembru 2018**

Kawza Numru: 42/2017MS

Daniel James Cassar (K.I. 355789M)

vs

George Vella (K.I. 20148G)

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fis-27 ta' Dicembru 2017 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundanat jhallasu s-somma ta' elf tmien mija u tnejn u tletin Euro u erbghin centezmu (€1829.40) rapprezentanti spejjes u mizati in konnessjoni mar-regularizzassjoni tal-peremssi relattivi ghal garaxx fi Trejqet il-Harrub, Fontana.

Ra' illi ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh fil-10 ta' Jannar 2018 ma prezentax risposta, la fit-termini tal-ligi u lanqas fuori termine, u dan nonostante illi nghata zmien sal-20 ta' Gunju 2018 biex jipprezenta r-risposta u jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. L-intimat m'ghamel xejn.

Ra' l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Ra' illi fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2018 deher ir-rikorrent assistit mill-avuat difensur tieghu li talab korrezzjoni fl-avviz tat-talba fis-sens illi l-kliem 'elf tmien mija u tnejn u tletin Euro' jigu mhassrin u sostituti bil-kliem 'elf tmien mija disgha u ghoxrin Euro u erbghin centezmi'.

Ra' illi t-Tribunal laqa' t-talba u ordna l-korrezzjoni kif mitluba.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €1829.40, ghal servizzi professjonali.

Illi fis-seduta mizmuma nhar l-1 ta' Gunju 2018, l-attur kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad il-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bil-proceduri la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas wara, u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta attrici m'ghandhiex mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, l-attur irnexxielu jipprova t-talba filwaqt li l-konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur kif korretta u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' €1829.40 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali ta' Mejju 2017. Spejjez a karigu tal-konvenut.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*